**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Rikors numru : 535/2015 AL

AAB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat "Dokument A";

Illi minn dan iz-zwieg ghandhom tifel XB li twieled fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987) u li ghalhekk huwa maggorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elf

disa' mija u hamsa u disghin (1995) publikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia li qed jigi anness u mmarkat "Dokument B";

Illi il-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skont l-artikolu 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq citat il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti tixtieq li wara d-divorzju tal-partijiet hija tkun maghura bil-kunjom "CAUCHI VANOVERBEKE" li huwa l-kunjom taghha ta' xebba u cioe' Cauchi flimkien mal-kunjom ta' ommha ta' xebba u cioe' Vanoverbeke;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku
3. Tawtorizza lill-esponenti tkun maghrufa bil-kunjom CAUCHI VANOVERBEKE, u fin-nuqqas tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha CAUCHI u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-annotazzjoni mehtiega fic-certifikat taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Dicembru, 2015;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara illi ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta’ Settembru 1995 u ghalhekk ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Illi r-rikorrenti talbet ukoll illi tigi awtorizzata sabiex tkun maghrufa bil-kunjom Cauchi Vanoverbeke, l-intimat ma opponix ghal din it-talba u ghalhekk il-Qorti tilqa’ din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-passi kollha necessarji sabiex ir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom Cauchi Vanoverbeke;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-passi kollha necessarji sabiex ir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom Cauchi Vanoverbeke, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.